-ANNULLAMENT TA' ZWIEG-

-ZWIEG VIZZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU FUQ IL-HAJJA MIZZEWGA -

-ARTIKOLU 19 (1) (D) TAL-KAP 255-

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 14**
**Citazzjoni Numru: 2233/99/RCP**

**Mazen Dadouch**

**vs**

**Maria Dadouch xebba Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-16 ta' Ottubru, 1992, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artiklu 19 (1) (g) u / jew (d) u / jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li jirregola z-zwigijiet.

L-istess attur talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghalhiex ma ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-24 ta' Jannar 2000 ta' Maria Dadouch xebba Galea fejn esebiet affidavit immarkat bhala Dokument MG.

Rat in-nota tal-24 ta' Jannar 2000 ta' l-attur li biha esebixxa tliet (3) affidavits immarkati Dok MD1, MD2 u MD3.

Rat in-nota tat-12 ta' Mejju 2000 ta' Mazen Dadouch li biha ta' ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh.

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Yana Micallef Stafrace bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata. Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2000, tal-21 ta' Frar 2001, tal-15 ta' Gunju 2001, tas-27 ta' Settembru 2001, tat-30 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta. Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace kkonfermat u halfet ir-rapport. Dr. Anthony Ellul irrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali (fol. 33 sa 49).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

L-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Dawn it-tlett premessi huma ikkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-Att dwar iz-Zwieg.

Dan l-artikolu jghid illi:-

**19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';

(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;

(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

**(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-**

**hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;

**(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;**

**(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;**

(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-disposizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f' xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha

xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.

Qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenuta irremettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, u b' hekk giet li anke hi trid li dan iz-zwieg ikun annullat, xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 [2] Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f' kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub ("**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri**" – Cit. Nru. 1264/94 per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fit-3 ta' Ottubru 1995 PA).

Illi dwar l-ewwel difett l-attur qed jikkontendi li kellu meta ikkontratta z-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:

**19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

**(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-**

**hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

B' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens "**Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 P.A.).

Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non*

*esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46).

Proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della*

*emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).

L-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione*

*che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento*

*idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can. 1095[3]) tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew

impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99). Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op. Cit., p. 687).

Illi fir-relazzjoni peritali maghmula mill-Perit Legali Dr Yana Micallef Stafrace din ikkonkludiet illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kaz jinkwadra ruhu: "*f'sitwazzjoni fejn l-kunsens tal-partijiet jirrizulta li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha (**Art 19 (d) tal-Kap 255**).*

## III. PROVI PRODOTTI

Illi **l-attur** xehed permezz ta' affidavit u viva-voce u sostna li gie Malta biex jistudja izda ma kellux flus bizzejjed u skadielu l-passaport u ma setghax imur lura f'pajjizu ghax harab mill-lieva u hawn Malta ma setghax jahdem peress li kien hawn illegalment. Iltaqa ma zewg tfajliet, certa Claudia li ma kienitx maltija u l-konvenuta u beda jiffrekwentom it-tnejn. Wara xahrejn izzewweg lill-konvenuta minhabba l-problemi tal-Visa u problemi ohra u zzewgu bir-rit civili biss. L-inkwiet beda mall-ewwel u d-dislivell fil-livell ta' edukazzjoni ta' bejniethom u l-immaturita` taghha wasslu sabiex hu kien johrog u jiffrekwenta l-hbiebu qisu ghadu guvni. L-konvenuta inqabdet tqila u hu kien irrabjat peress li kien halla f'idejha sabiex ma tibqax tqila. Ma kellhomx flus biex ikollhom tarbija. Rega' iltaqa ma Claudia u nduna li kien ghamel zball u li din kienet il-mara li ried.

Illi viva voce quddiem il-Perit Legali xehed hekk: "*Nispjega li Claudia kienet Germaniza u wahda mir-ragunijiet ewlenin ghaliex jiena ghazilt lil Maria minflok Claudia kienet li Maria*

*kienet Malta u Claudia il-Germanja. Ukoll, Maria isbah minnha u Claudia iktar matura ghax ikbar. Kieku Claudia baqghet hawn lilha kont naghzel. Kienet ta' l-iskola. Jiena ma ndunajtx qabel ma zzewigna x'dislivell kbir kien hemm fil-livell ta' edukazzjoni taghna. Izzewwigna f'xahrejn u b'hekk meta ma kienetx tkompli mieghi f'affarijiet ta' certu impenn intelletwali li hsibtha misthija. Wara ndunajt li hi fil-fatt hekk kienet u li ma kellha l-ebda interess li tinbidel. Ma nahsibx li kont nintrabat maghha. Apparti l-kwistjoni tal-Visa u tax-xoghol, jiena kont wahdi hawn u biex nkun nista' ikolli kumpanija u mara jien kelli nizzewweg. Jiena kont nemmen li biex taghmel l-att sesswali kellek tkun mizzewweg."*

Illi **Abdel Rahman Latif** xehed permezz ta' affidavit li kien ilu jaf lill-attur mill-1991 u kien jaf li l-attur kien qed johrog kemm mal-konvenuta kif ukoll ma certu Claudia. L-attur izzewweg lill-konvneuta wara xi xahar, f'perijodu fejn kellu problemi bil-visa. Wara ftit zmien l-attur rega' beda johrog mieghu qisu meta kien guvni. Rega' iltaqa ma Claudia u nduna li kien ihobb lilha.

Illi **Wael Dasouch** xehed permezz ta' affidavit li jigi hu l-attur u li l-attur kien baghtilhom ritratti tieghu ma Claudia fejn qalilhom li kienet l-gharusa tieghu li kienet ferm ikbar minnu kwasi tigi ommu. Ftit wara infurmhom li iltaqa mal-konvenuta u ftit wara li ser jizzewwigha. Gie Malta wara li kien ilhom mizzewgin xi sentejn u nduna li kien hemm problemi kbar bejn huh u l-konvenuta. U fil-fatt huh kien jagixxi ta guvni. Dan l-ahhar rega' iltaqa ma Claudia.

Illi **Maria Dadouch** xebba Galea xehdet permezz ta affidavit li iltaqat mal-attur meta kellha 18-il sena u kienet ghadha kif hasret minn mal-gharus Dean Sciriha. Fl-istess zmien l-attur kien johrog ma certu Claudia u wissietu diversi drabi biex jaqta' minn maghha ghax kienet ser titilqu. Fil-fatt telaqgha u iffissaw id-data taz-zwieg wara xahrejn li bdew johorgu. Bil-kemm kienu jikkomunikaw u ma tafx ghaliex l-attur ried jizzewweg daqshekk malajr izda hi riedet tilaq mid-dar tal-genituri fejn kienet mahqura. Diversi minn huta izzewgu sabiex jaharbu mid-dar u hi ma rieditx titief okkazzjoni li tizzewweg. Fuq parir tal-attur meta marru jirregistraw sabiex jizzewgu qaltilhom li kienet ilha taf lill-attur. Ma ghamlu l-ebda preparamenti u l-gurnata taz-zwieg kien iehor bhal ohrajn hlief li nghatalhom permess imorru jghixu flimkien.

Illi hija kompliet tghid li kienet tahdem sieghat twal u bil-kemm kienu jitkellmu. L-attur kien jiehu d-decizjonijiet kollha u lilha bil-kemm jikkalkulha. Hi ma kienitx topponi. Hi kienet kuntenta semplicement tibqa' id-dar izda l-attur riedha tohrog u fil-fatt kien ikollhom hafna inkwiet peress li l-attur mohhu biex johrog. Sahansitra jippreferi johrog ma hbiebu milli maghha. Meta spiccat tqila l-attur riedha tnehhi kollox izda hi rrifjutat u fl-ahhar accetta. L-attur mar holiday il-Germanja fejn rega' iltaqa ma Claudia u wara isseparaw.

Illi fl-ahhar nett l-istess konvenuta xehdet quddiem il-Perit Legali li: *"Illum Dean Sciriha msiefer. Tul ix-xahrejn qabel ma zzewwigna kien hemm perjodu meta l-attur kien qed*

*jara lil Claudia. Jien kont ili zmien twil bil-problemi ta' swat id-dar tal-genituri tieghi. L-ewwel cans li sibt biex nitlaq hadtu. Ommi u missieri ser jisseparaw. Il-problemi li kelli ma missieri ghax isawwatni kienet tinstighom ommi. Kienet ixxewxu kontrija. Fil-fatt illum immorru tajjeb hafna minn mindu m'ghadux jaghti kas lil ommi. Qalli li dak li jaghmilli minhabba ommi. Wara z-zwieg morna noqghodu go post "furnished". Ma kelli l-ebda preparamenti sabiex nixtru dar u nimluha. Jiena kont nahdem bhala "chambermaid". Meta l-attur kien johrog ma hbiebu, jien kont nibqa d-dar. Ma kienx ikun iridni mmur mieghu. Bhala koppja ma konniex nohorgu. Jien noqghod id-dar u hu johrog ma hbiebu. It-tarbija ma kienitx ppjanata. L-attur kien qal li wara xi sentejn nahsbu dwar tarbija. Fil-fatt ghalkemm kienu ghaddew kwazi sentejn wara z-zwieg xorta rrabja. Ahna spic*cajna nghixu qisna separati taht i-istess saqaf".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li mix-xhieda proposta ma hemm l-ebda dubju li l-konjugi Dadouch izzewgu biss sabiex jinqdew biz-zwieg ghall-esigenzi taghhom rispettivament.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-attur izzewweg Maltija (l-konvenuta) u mhux lill-Claudia (Germaniza) minhabba li biz-zwieg ma Maltija solva l-problemi tieghu ta' btala hawn Malta illegali, nuqqas ta' flus u biza li jekk jinqabad hawn Malta u jigi deportat jintbaghat lura f'pajjizu fejn kellu l-problemi stante li kien harab mill-lieva. Illi ghalhekk l-iskop u l-intenzjoni tal-istess attur li jiehu lill-konvenuta bhala martu ma kellu xejn x'jaqsam mal-obbligi u d-drittijiet inkorporati fil-hajja

mizzewga u fl-istitut taz-zwieg izda biss biex jistabbilixxi permanenza fir-residenza tieghu hawn Malta, tant li ma kien hemm ebda preparazzjoni kwalunkwe mill-istess attur sabiex jidhol f'tali impenn mal-konvenuta tant li dan iz-zwieg jista' jigi klassifikat jew deskritt bhala wiehed ta' konvenjenza.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta ukoll ma rieditx titlef l-okkazzjoni li tizzewweg tant li qalet hija stess *"jien iddecidejt li ma nitlifx l-okkazzjoni li nizzewweg"* u dan bl-iskop li skond kif qalet hi hija tkun tista' tahrab mill-abbuz li kienet issofri f'idejn il-genituri taghha. L-aqwa li tizzewweg u titlaq mid-dar.

Illi minn dan kollu din il-Qorti taqbel ma dak li sostniet il-Perit Legali f'paragrafu 23 tal-istess relazzjoni peritali u cioe`:

*"L-impressjoni li hadet l-esponenti hi li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta, kienu lesti li jizzewgu kwalunkwe persuna li kienet tipprezenta ruhha, basta li jizzewgu stante li kif fuq spjegat, tali zwieg kien ser isolvilhom diversi problemi".*

Illi jinghad ukoll li dak li giel lill-kontendenti jaghmlu dan il-pass taz-zwieg bla ebda kont u ghall-intenzjoni jew intenzjonijiet taghhom fuq indikati juri mhux biss li l-istess kontendenti izzewgu ghar-ragunijiet ghal kollox inkompatibbli mal-istitut taz-zwieg, izda wkoll dan il-pass ittiehed minhabba in-nuqqas ta' responsabbilita` immanifestata fl-immaturita rispettiva taz-zewg partijiet f'din

il-kawza, tant li l-Perit Legali li kellha okkazzjoni tosserva x-xhieda u l-komportament tal-istess zewg partijiet fil-kawza ikkonkludiet b'dan il-mod:

"*L-attur ukoll jghid li l-konvenuta kienet immatura hafna. Fil-fatt din in-nuqqas ta maturita kienet tispikka fit-tnejn. L-attur qisu tifel zghir, ma l-ewwel intopp telaq jigri barra ma hbiebu, filwaqt li meta tisma l-konvenuta titkellem fuq iz-zwieg qishekk qed tisma tifla titkellem fuq kif kienet tilghab "house" bil-pupi taghha. L-aqwa li tnaddaf u l-bqija kollox jigi f'postu".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha stante li l-fatti fuq indikati u hekk pruvati jinkwadraw ruhhom fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha (**artikolu 19(d) tal kapitlu 255**).

Illi stante l-premess din l-Qorti ma jidhriliex li ghandha tidhol fuq lanjanzi ohra allegati mill-attur *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g) u (f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta, u dan apparti l-fatt li jidher li l-attur ibbaza l-provi tieghu limitatament fuq l-**Artikolu 19 (1) (d)** tal-istess Kap fuq citat.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Marzu 2002**